MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 319/2011

**Deguara Gaetano– ID-88463M**

**vs**

**Tania Turner**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lit-Tribunal jiddikjara illi l-attur kien inkarigat mill-konvenuta sabiex jhit sebgha u erbghin (47) kostum tal-karnival ghall-partecipazzjoni fil-Karnival tas-sena 2010; illi l-attur hiet is-sebgha u erbghin (47) kostum, hekk kif rikjesti mill-konvenuta u kkonsenjahomlha ghall-uzu taghha; illi l-konvenuta, giet mitluba permezz ta' invoice numru *01/2010* Carn., datata 30 ta' Marzu, 2010, thallas is-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) ghall-hjata tal-imsemmija kostumi; illi permezz ta' ittra datata 1 ta' Frar, 2011, il-konvenuta giet interpellata thallas is-somma

minnha dovuta lil attur, izda l-konvenuta baqghet inadempjenti; illi l-konvenuta ghadha ma hallsietx l-ammont dovut minnha lill-attur u ghalhekk qedha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) oltre l-imghax dovut mid-data tal-konsenja *de quo* sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt Euro (€700.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------